**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum L-Erbgha 2 ta` Marzu 2016**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta' Inibizzjoni Nru 147/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Union Haddiema Maghqudin f`isem Clayton Tabone (K.I. 119791(M), Nikita Scerri (K.I. 209986M), Roberto Formosa (K.I. 49177M) u Sharon Debono (K.I. 49189M) u l-istess Clayton Tabone (K.I. 119791(M), Nikita Scerri (K.I. 209986M), Roberto Formosa (K.I. 49177M) u Sharon Debono (K.I. 49189M)**

***kontra***

**Kummissarju tat-Taxxi**

***u***

**Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fit-2 ta` Frar 2016.

Fit-2 ta` Frar 2016, din il-Qorti tat digriet fejn, wara li rat ir-rikors, ordnat in-notifika lill-intimati, tathom zmien ghaxart (10) ijiem sabiex jipprezentaw risposta bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 15 ta` Frar 2016 fid-9.30 a.m.

Iz-zewg intimati kienu notifikati fit-2 ta` Frar 2016 u kienet prezentata risposta bil-miktub fid-9 ta` Frar 2016.

Ir-rikors kien trattat fis-seduta tal-15 ta` Frar 2016. Fil-kors tas-seduta, il-Qorti semghet ix-xiehda ta` Mario Sacco, Roberto Formosa u Joanne Calleja. Kienu prezentati dokumenti wkoll. Wara li kien konkluz is-smigh, id-difensuri ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u r-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Wara li rat l-atti tal-procediment fl-assjem taghhom, il-Qorti qeghda taghti dan il-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti **talbu** lill-Qorti biex **tinibixxi** *lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jew nies imqabbda minnu milli jikkonducu process ta` intervisti fir-rigward tal-pozizzjoni ta` Debt Collector fi hdan l-ufficcju tal-Kummissarju ghat-Taxxi Interni, jevalwaw tali intervisti u jippubblikaw ir-rizultati ta` tali intervisti.*

## III. L-ilment tar-rikorrenti

**Fil-qosor,** l-ilment huwa illi r-rikorrenti membri tal-UHM hadu sehem fi process ta` ghazla ghall-posizzjoni ta` "debt collector" fl-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Is-sejha kienet miftuha ghall-ufficjali pubblici kollha fis-servizz civili. Ir-rikorrenti kienu ntervisti, ghaddew u ntghazlu ghall-pozizzjoni. In segwitu l-Kummissarju tat-Taxxi hassar ir-rizultat u hatar bord ta` ghazla gdid sabiex jerga` jintervista mill-gdid lil kull applikant. Skont il-Kummissjoni dwar is-Servizz

Pubbliku, il-process thassar ghaliex il-proceduri ghat-twaqqif tal-bord tal-ghazla ma kienux osservati. Skont il-Kummissjoni, ir-rikorrenti kellhom japplikaw mill-gdid. Meta interpellat, minflok ta r-ragunijiet ghala kien hemm it-thassir u l-hatra ta` bord gdid, il-Kummissarju ntimat beda l-process mill-gdid. Skont ir-rikorrenti, it-thassir tar-rizultat u l-hatra ta` bord gdid jikkostitwixxu ksur tal-jeddijiet taghhom u kien propju ghalhekk li talbu l-hrug tal-Mandat ghaliex altrimenti il-jedd taghhom kien jintilef darba ghal dejjem.

## IV. Id-difiza tal-intimati

**Fil-qosor**, l-intimati jikkontendu illi d-decizjoni sabiex jithassar il-process ittiehdet mill-Kummissjoni ntimata wara li wiehed mill-partecipanti ressaq petizzjoni dwar ir-rizultat tieghu. Waqt li kienet qeghda tisharreg l-ilment ta` dan il-partecipant, il-Kummissjoni ntimata sabet illi l-Bord tal-Ghazla ma kienx mahtur skont id-direttivi u l-linji gwida applikabbli peress li dawn kienu jesigu li zewg membri tal-bord jintghazlu minn panel ta` ghazla permanenti mwaqqaf skont ir-Regola 14 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ghalhekk kien imhassar ir-rizultat, inhatar bord tal-ghazla gdid diversament kompost u saret sejha mill-gdid. Skont l-intimati kull ma sar minnhom kien regolari u ma kienx hemm htiega ghall-hrug tal-Mandat.

## V. Dritt

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum huwa l-**Art 873 tal-Kap 12**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tlieta. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li*

*jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Din tal-lum hija talba ghall-hrug tal-Mandat li tinkwadra ruhha fis-subinciz tlieta (3).

It-tliet subincizi kif inhuma llum dahlu fil-Kap 12 bis-sahha tal-Art 102 tal-Att XIV tal-2006.

Tajjeb jinghad illi qabel l-emenda bl-Att XIV tal-2006, is-subinciz tlieta (3), li kien gie ntrodott ghall-ewwel darba bl-Art 8 tal-Att VIII tal-1981, kien jaqra hekk :-

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq ma jkunx jista` jigi rimedjat.*

Minn analizi tas-subincizi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 kif inhuma llum, wiehed isib illi din il-Qorti hija prekluza milli ("*m`ghandhiex*") tordna l-hrug tal-Mandat **sakemm** ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti
ii) Illi r-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandhom dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi l-intimat ma jikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir ;
iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jinholoq mir-rikorrenti, kemm–il darba ma jinharigx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li r-rikorrenti jitolbu li tigi mizmuma.

## VI. Gurisprudenza

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal xi principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghha dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-element tal-pregudizzju llum bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern m`ghadux dak ta` pregudizzju *li ma jkunx jista` jigi rimedjat*, kif kien il-kaz qabel dahlet l-emenda ghall-Art 873 bl-Att XIV tal-2006. Illum bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

3) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

4) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

5) Il-procedura hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet **zminijiet qosra u precizi** li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VII. <u>Risultanzi</u>

Fil-kors ta` dan il-procediment, apparti l-ezami tad-dokumenti li kienu pprezentati bhala prova, il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma` tliet xhieda : Joanne Calleja, Segretarju tal-Kummissjoni ntimata ; Mario Sacco, dirigent tal-union rikorrenti ; u Roberto Formosa, wiehed mir-rikorrenti.

**Ghal dak mistqarr minn dawk it-tliet persuni, il-Qorti sejra tillimita ruhha li tqis dak biss illi huwa rilevanti ghall-istanza tal-lum.**

**<u>Fil-qosor</u>**, Joanne Calleja xehdet illi l-process inizjali mitlub mill-Kummissarju ntimat kien approvat mill-Kummissjoni. Wara li saru l-intervisti tal-applikanti u hareg ir-rizultat, applikant minnhom ressaq petizzjoni fejn ikkontesta r-rizultat. Waqt li kienet qeghda tqis din il-petizzjoni, fis-sens li ghamlet skrutinju tal-kaz mill-bidu, il-Kummissjoni sabet illi l-bord tal-ghazla ma kienx kostitwit skont id-direttivi u linji gwida stabbiliti mis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru fl-2013. Ghalhekk thassar ir-rizultat sabiex l-intervisti jsiru mill-gdid. Fil-kaz tal-lum il-bord tal-ghazla kien kostitwit minn tliet ufficjali pubblici li jahdmu fid-Dipartiment tat-Taxxi, mentri skont id-direttivi u linju gwida, il-bord kellu jkun maghmul minn ufficjal pubbliku wiehed maghzul mid-Dipartiment jew Ministeru koncernat u tnejn ohra li jaghmlu parti minn *standing selection panel.* Dan il-panel huwa kompost minn persuni li mhumiex impjegati fis-servizz civili u anke nies irtirati li wara sejha kienu wrew l-interess li jaghmlu parti minn dan il-panel. L-iskop tal-kostituzzjoni tal-panel huwa sabiex ma jkunx hemm dispendju ta risorsi umani mis-servizz pubbliku, kif ukoll sabiex jigu nvoluti aktar persuni, li jkunu ndipendenti mid-Dipartiment li jkun talab l-ingagg. Tghid illi d-direttiva ma kenitx bil-miktub. Kompliet tixhed illi kieku l-procedura kienet regolari, il-gradwatorja tal-persuni trid tkun approvata mill-Public Administration Human Resources Office (PAHRO), li huwa l-korp governattiv illi jistabilixxi kemm huma mehtiega persuni fil-grad koncernat skont il-budget allokat. Imbaghad il-Kummissjoni taghmel ir-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru. U l-Prim Ministru jaghmel il-hatra skont il-bzonn.

**<u>Fil-qosor</u>**, Mario Sacco xehed illi wara li kien ippubblikat ir-rizultat ta` l-intervisti, il-union rikorrenti ma kienet avzata b`xejn fis-sens li kellha tqis illi kollox kien regolari. Bhala "debt collectors" kellhom jigu maghzula madwar disgha (9) ghaliex bl-ezatt ma setax ighid. In segwitu l-union saret taf mill-membri taghha li qaghdu ghall-intervisti fosthom ir-rikorrenti li r-rizultat kien thassar bla ma nghataw raguni ghala sar it-thassir, u li kellhom jergghu joqghodu mill-gdid ghall-intervista. Meta l-union kitbet lill-Kummissjoni sabiex tinghata r-raguni ghat-thassir. Mill-Kummissjoni wiegbu li r-raguni kienet li ma kienux osservati l-

proceduri. Meta talbet lill-Kummissjoni sabiex tkun taf liema kienu dawn il-proceduri, il-union baqghet bla risposta. Il-union giet edotta fil-kors ta` dan il-procediment. Sostna li l-bord tal-ghazla jsir mid-Dipartiment li jitlob in-nies wara li jkun l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

**<u>Fil-qosor</u>**, Roberto Formosa xehed illi bit-thassir tar-rizultat huwa tilef ic-cans li jitla` fl-iskala tac-civil minn skala 14 sa skala 11 bhala massimu. Hu u shabu r-rikorrenti l-ohra jinsabu mal-ewwel disgha (9) fil-gradwatorja tar-rizultat li thassar.

**Wara li qieset il-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz tal-lum, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi huma sodisfatti r–rekwiziti kollha mehtiega ghall-hrug ta` l-Mandat :-**

**i) <u>Il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti</u>**

Fil-kaz tal-lum, l-intimati mhux jimputaw it-thassir tar-rizultat tal-intervisti ghal xi nuqqas jew inadempjenzi da parti tar-rikorrenti. Anzi qeghdin jimputaw ir-raguni ghat-thassir ghal nuqqasijiet interni fis-servizz civili. Eppure t-thassir tar-rizultat ghar-ragunijiet illi taw l-intimati ghandu **<u>effett dirett</u>** fuq ir-rikorrenti. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jedd imqar sal-livell ta` *prima facie* sabiex il-posizzjoni taghhom ma titgharraqx u sabiex isir l-istharrig kollu li hemm bzonn mill-Qorti li sejra tiddeciedi l-mertu dwar il-fondatezza tal-kaz taghhom u dwar id-difiza li qeghdin igibu l-intimati sabiex il-kaz tar-rikorrenti lanqas ma jirrizulta fil-mertu. Fil-kors tal-procediment kienu dibattuti mill-partijiet d-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 32 tal-1960, kif l-ahhar emendat bl-Avviz Legali 246 tal-2012. In partikolari saret riferenza ghar-Reg 14(3) u ghar-Reg 17(e). Il-Qorti kkunsidrat dawn id-disposizzjonijiet, kif ukoll l-ohrajn fl-assjem tal-istess Avviz Legali, u ssib dawn id-disposizzjonijiet mhux jeskludu izda jsostnu l-jedd *prima facie* tar-rikorrenti li jfittxu l-kenn tal-Mandat.

**ii) <u>Il-htiega tal-Mandat sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti</u>**

Il-Qorti ssostni li l-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja. Jekk l-intimati jithallew jipprocedu bi process ta` ghazla mill-gdid, il-Qorti qeghda tara li l-posizzjoni tar-rikorrenti tkun tgharrqet ghaliex jispicca jitlef kull rimedju effettiv li jista` jkollhom kontra l-intimati. Bil-hrug tal-Mandat, tkun indirizzata l-htiega li r-rikorrenti jinghataw lura jeddijiet li allegatament kienu vvjolati. Fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, il-hsara li minnha qieghed jilmenta r-rikorrent

ma tistax tissewwa xort`ohra. Ghalhekk l-element tal-htiega huwa ppruvat.

**iii) <u>Il-konferma fil-miftuh</u>**

L-element huwa sodisfatt ghaliex fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2016 Joanne Calleja bhala rapprezentant delegat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u Av Stefania Azzopardi bhala rapprezentant delegat tal-Kummissarju tat-Taxxi ddikjaraw illi l-intervisti mertu tal-procediment tal-lum kienu sejrin isiru li kieku ma kienx ghall-fatt illi kienet milqugha provizorjament it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat.

**iv) <u>L-isproporzjon tal-pregudizzju</u>**

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-element jirrizulta wkoll tenut kont tal-fattispeci tal-kaz ghaliex l-*isproporzjon* fil-pregudizzju jmur kontra r-rikorrenti. Il-Qorti m`ghandhiex il-prova li mankanti s-sejha prospettata, is-servizz pubbliku se jgarrab pregudizzju superjuri ghal dak tar-rikorrenti. Min-naha l-ohra l-Qorti ghandha quddiemha l-prova tal-pregudizzju li jgarrbu r-rikorrenti nkluz ir-rikorrent Roberto Formosa li ddepona fil-procediment tal-lum jekk tibqa` mhassra s-selezzjoni ta` qabel u ssir ohra mill-gdid. Il-Qorti ghandha tfittex is-sostanza ; u hekk qeghda taghmel anke fil-kaz tar-raba` rekwizit.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kontra l-intimati ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni skont kif mitlub fir-rikors. L-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-jedd.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**